**ĦAL TARXIEN**

## MINUTI

## GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2019

**SEDUTA NUMRU 90/07**
IT-TLIETA 15 TA' JANNAR 2019 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

## PREŻENTI

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | *SKUŻAT* |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | *SKUŻAT* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

---

## AĠENDA

90.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
90.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
90.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
90.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
90.5 Rapporti;
90.6 Performance Bonus għas-sena 2018 :
- *Segretarju Eżekuttiv*
- *Uffiċċjal Eżekuttiv*
- *Assistent Skrivan Nru. 1*

90.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 75/2018 & 76/2019;
90.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Sotto Kumitati;
90.9 Mozzjonijiet;
90.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 90.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia

**i.** Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li l-Kunsillier Luke Genuis kien talab sabiex ikun skużat. Ittri ta' Apoloġija

**ii.** Il-Kunsill ħa nota u approva li l-Kunsillier Luke Genuis ikun skużat mil-laqgħa.

## 90.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Iffrmar tal-Minuti

**i.** Il-Minuti Nru. 89/2018 tas-17 ta' Diċembru 2018 ittieħdu bħala moqrija peress li kienu ċċirkulati minn qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

## 90.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

**i.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-Perit Chris Mintoff Building & Design Consultants kien għadu għaddej bl-istess problema tant li wasal biex jgħidlu li l-Kunsill Lokali kien ser jikkonsidra li jwaqqaflu l-kuntratt u jqabbad Perit ieħor b'direct order. Saret diskussjoni mill-Kunsill u kien hemm qbil unanimu li jekk dan il-Perit ma jaħdimx sewwa il-Kunsill kellu jmexxi ma Perit ieħor. Perit Mintoff

**ii.** Rigward it-turf tal-ground 5 aside s-Sindku nforma lill-Kunsill li konna għadna l-istess hekk kif kien irrapurtat fl-aħħar laqgħat. Sadanittant il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u ddeċieda li nkelmu l-avukat. Turf tal-ground 5 aside

**iii.** Is-Sindku Paul Farrugia qal li reġa kellem lill-Ministru u li CEO dwar il-bidu tax-xogħol fuq it-toroq Żejtun u Sorijiet fejn dawn u qalulu li fil-futur qarib ser jibda x-xogħol. Toroq Zejtun u Sorijiet – Minn Infrsastructue Malta

**iv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna bdejna nqassmu il-boroż il-bojod għall-iskart organiku mill-Kunsilli Lokali u qal ukoll li n-nies kienu qed jikkoperaw ħafna. Ttqassim tal-boroż tal-iskart organiku

**v.** Rigward ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Seg. Eżek. reġgħet infurmat lill-Kunsill li għal darb'oħra d-DLG kien reġa bgħat reminder dwar dan. ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Seg. Eżek.

**v.i.** Il-Kunsill għal darb'oħra qabel li jibqgħu mad-deċiżjoni li jistennew direzzjoni mingħand l-Assoċ. Kunsilli Lokali.

**vi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna għaddejna l-Applikazzjoni tal-bus shelter għal Triq Palma. Bus Shelter Triq Palma - Applikazzjoni

**vii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-Bus Shelter ta' Triq Tarxien kien lesta l-applikazzjoni sabiex setgħa jmexxi. Il-Kunsill qabel li mmexxu bil-proċedura sabiex dan il-bus shelter isir ukoll. Bus Shelter – Triq Tarxien

**viii.** Rigward Blokka appartamenti ġodda fi Triq San Mikiel Fgura s-Sindku Blokka apaprtamenti ġodda fi Triq

nforma lill-Kunsill li kien għadu kollox l-istess hekk kif irrapurtat lilhom fil-laqgħa preċedenti. San Mikiel Fgura

**ix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna bgħatna għall-Kuntrattur li kien issottometta l-offerta ġdida għax-xogħol relatat għall-Open Air Gym fi Ġnien Kurunell Mass. Tender - Ameljorament ta' Ġnien Kurunell Mass

**x.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hekk kif maqbul fil-laqgħat preċedenti , li fejn sar il-Fencing/Gates f'Misraħ Buleben, fejn hemm partijiet fejn iċ-ċint huwa baxx ser isir fence ieħor tal-ħadid. Fencing – Misraħ Buleben

**xi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien deher il-Qorti minħabba kumment fuq il-facebook nhar -il 15 ta' Mejju 2018. Waqt is-smiegħ tas-seduta l-avukat tal-akkużat talab jekk kienx biżżejjed li jitlob skuża fuq il-paġna tal-Kunsill fuq FACEBOOK. Din it-talba l-Magistrat ma aċċettahiex kompletament. Għalkemm approva li l-imputat jitlob skuża pubblika, xorta waħda ser ikompli bil-kawża u għal darb'oħra kien reġa ddifferixxa għax kien imsiefer. Kawża l-Qorti

**xii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna bgħatna lit-TM it-talba fejn konna qed nissuġġerixxu li Triq Dejma tigi kollha *one way* u min ikun irid jidħol lejn il-Bank HSBC jkun irid jinżel Kurunell Mas u jdur mar-roundabout u jidħol Triq Leonardu Abela u joħroġ għal Triq Żejtun u jkun jista jew idur għal Triq il-Kbira jew inkella jibqa sejjer dritt fi Triq Iż-Żejtun fl-area ta' Ġnien Kurunell Mas. Traffic Maangement – Area Ġnien Kurunell Mas

**xiii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien reġa kellemm kemm lis-CEO kif ukoll lill-Ministru responsabbli minn Infrastructure Malta dwar l-applikazzjoni għal fondi tal-UIF għal triq il-Kbira. *UIF – Triq il-Kbira*

**xiv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-porġett biex issir Triq l-Isqajjaq li dwaru kien avviċinah l-Onor. Silvio Parnis mexjin tant li sar co-ordination meeting mal-kuntrattur mal-Entitajiet u periti. Ied jispjega s-Sindku li bħalissa qed jintalbu l-permessi neċessarji. Qal li l-iktar li ser jiffukaw fuq is-servizz tad-drenaġġ. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ssuġġerixxa li ma dan il-proġett tiġi nkluża trejqa wara l-knisja. Is-Sindku wieġeb li ser jara x'jista' jsir. Ameljorament ta' pjazza f'Misrah Brittania

**xv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu waslu r-rapporti fuq l-inspections mill-MCCAA fuq il-playing fields l-oħra fir-raħal fejn indikawlna x'kien hemm bżonn isir. Żied jgħid is-Sindku li issa ser nikkomunikaw mad-DLG biex naraw kif nistgħu nipplimentaw dak li hemm bżonn isir. Survey MCCAA

**xvi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien baqa ma kellux risposta mingħand il-kuntrattur tagħna dwar il-ġonna li ma kellhomx arloġġ tad-dawl installat u għaldaqstant kien qed jissuġġerixxi li jipprova jsib lill-ħaddieħor. Applikazzjonijeit arloġġ tad-dawl fil-ġonna

**xvi.i** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament qabel li jsir kif propost.

**xvii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien qed jissuġġerixx li l-ġbir tat-tessuti bieb bieb minn Malta Textile ma jsirux nhar ta' Tlieta biex ma jaħbtux ma tar-riċiklaġġ peress li dan qed idum jiġbor għax ix-xogħol żdied u b'hekk ma jinqalawx konflitti. Ġbir tat-tessuti

**xviii.** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li dwar il-proposta li fi triq San Franġisk f'area li mhix mibnija, jittella' monument għad unur l-Iskultur Renzo Monument – Renzo Gauci

Gauci kien għadu qed jistenna mingħand il-Perit tagħna.

**xix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-permessi kienu mexjin biex wara festi jinbdew it-toroq Betta, Sta Tereza, Sammat u Karmnu. Żied jgħid is-Sindku li kien hemm feedback tajjeb għat-toroq li saru fl-2018 għalkemm dejjem issib min jagħmel xorta waħda kritika distruttiva. Permessi toroq Betta, Sta Tereza, Sammat u Karmnu

**xx.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet ntbgħatet t-tweġiba tal-Kunsill l*is-Segretarju-Street Naming Committee* dwar l-email li kienet waslet fejn dan qal li l-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq kien ġie nfurmat rigward problema fl-isem tal-aħħar parti ta' Triq San Franġisk li tagħmel parti mal-konfini ta' Ħal Tarxien u dan peress li Triq San Franġisk skond huma kienet taqsam il-konfini mal-Fgura u b'dan l-isem hemm diġà msemmija triq oħra ġewwa Ħal Tarxien, u għaldastant il-Kumitat kien iħoss li l-aħħar parti ta' Triq San Franġisk kellu jinbidlilha isimha sabiex tiġi solvuta l-problema ta' l-isem tat-triq u b'hekk tkun tista' tiġi nnumerata wkoll. Triq San Franġisk

**xxi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet intbgħatet it-twieġba lill-Youth Fellowship Group dwar l-email li kienet waslet mingħand membru ta' l-istess Fellowship fejn dawn kienu qed jistaqsu jekk il-Kunsill kellux xi żewġ kmamar li seta' jikrilhom għal darbtejn fil-ġimgħa sabiex isiru l-laqgħat tagħhom. Kmamar għal kiri

**xxii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li peress li l-monument bis-salib tal-ġebel fi Triq Tempji Neolitiċi k/m Triq Santa Marija jinsab fi stat diżastruż ħafna u sar perikoluż għax inqasam minn diversi bnadi, għaldaqstant żied jgħid is-Sindku li ġab kwotazzjoni u ser jiswa ftit inqas minn €5000. Saret diskussjoni mill-Kunsill u kien hemm qbil unanimu li dan jissewwa. Monument bis-Salib tal-ġebel Triq Tempji Neolitiċi k/m Triq Santa Marija

**xxiii.** Is-Sindku Paul staqsa lill kunsillieri biex jekk jafu xi sqaqien li għandhom bżonn xi ameljorament jgħidulu ħalli nieħdu ħsiebhom.

**xxiv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li mis-sezzjoni tal-Customer Care tal-Onor. Parnis qed kull darba jiktbulna biex naqtgħu il-ħaxix tar-roundabout tad-daħla ta' Ħal Tarxien meta din kien wiegħed li serjieħu ħsiebha s-Segretarju Parlamentari bil-ħaddiema tal-ELC. Roundabout – Daħla ta' Ħal tarxien

**xxv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fuq it-Tender tal-Gates li kienet għalqet uli għaliha kienu daħlu 4 offerti kienu mexjin u tmexxa l-proċess skond l-EPPS. Tender Gates

*Il-Kunsillier Ismael Dalli wasal fis-18:41*

**xxvi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet talba mingħand it-TARXIEN PAGEANT GROUP sabiex jingħataw permess li jużaw il-Pjazza u tingħalaq Triq ir-Repubblika mill-Ħamis 11 t'April 2019. Attivita' Tarxien Pageant Group

**xxvi.i** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u ma sabx oġġezzjoni li din it-talba tintlaqa.

**xxvii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet talba sabiex isir dog bin fi Triq l-Iskola man-naħa tal-ground tal-Agostinjani. Dog bin – Triq l-Iskola

**xxvii.i** Il-Kunsill issidkuta dan il-każ u qabel unanimament li dan il-bin isir.

**xxviii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu waslu approvazzjonijiet dwar *traffic management* mingħand it-TM u li dawn kienu :- Talbiet TM

- RESERVED PARKING BAY - 9, Triq Temi Zammit;
- RESERVED PARKING BAY – BLK E, Dr A, Flt. 1, Triq il-Ħaġar;
- RESERVED PARKING BAY - 38, AVE MARIA, Triq B'buġia;
- RESERVED PARKING BAY - 149, Triq il-Knisja;

**xxviii.i** Il-Kunsill iddiskuta dawn il-każijiet u qal li ma kienx isib oġġezzjoni li dawn isiru.

**xxix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li kienu saru l-interviews sabiex jimtlew iż-żewġ vakanzi għall-Assistenti Skrivani u kienu ntgħażlu żewġ persuni u kienu bdew fi 3 ta' Jannar 2019, ġara li wieħed minnhom ġie għal jumejn biss imbagħad ma baqax jiġi u anqas ma nformana li ma kienx ser jibqa jiġi. Żied is-Sindku li issa għad hemm vakanza għal assistent skrivan skala 16 u għaldaqstant kienu ser jerġgħu jsiru xi interviews. 2 Kandidati għall-Asst. Skrivani Skala 16

**xxx.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna vverifikajna mad-DLG dwar il-proċess sabiex l-impjegat Robert Grech jiġi promoss minn assistent skrivan skala 16 għal skrivan skala 15 u dan ladarba dan il-Kunsill ma kellux impjegat fuq skala 15. Id-DLG talbitna sabiex tinħareġ sejħa nterna ġewwa l-Kunsill u l-impjegat inkwistjoni seta japplika. Is-Sindku żied jispjega li dan il-proċess kien sar u kien biss l-impjegat Robert Grech li applika. Prmozzjoni Skrivan Skala 15

**xxx.i** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament qabel li l-impjegat Robert Grech jieħu promozzjoni u jitla għal skriva skala 15 mill-1 ta' Jannar 2019.

### 90.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

**i.** Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

### 90.5 Rapporti

**i.** Ġew imressqa r-Rapporti għal kull kwart tas-sena sa' Settembru 2018. Dawn ġew diskussi mill-Kunsill u ġew approvati unanimament. Dawn ir-rapporti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea. Rapporti ta' Kull kwart tas-sena sa' Settembru 2018

*Il-Kunsilliera Doris Vella rtirat fi 6:50PM*

### 90.6 Performance Bonus għas-sena 2018 :

- ***Segretarju Eżekuttiv***
- ***Ufficċjal Eżekuttiv***
- ***Assistent Skrivan Nru. 1***

**i.** Saret diskussjoni mill-Kunsill u ġie deċiż li kull impjegat jingħata l-massimu permissibli. Jiġifieri s-Segretarju Eżekuttiv 10%, filwaqt li l-impjegati jingħataw kollha 6%. Perf. Bonus 2018

Is-Seg. Eżek. irringrazzjat lill-Kunsill f'isimha u f'isem l-impjegati kollha.

**90.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**i.** Ġiet mressqa l-iSkeda ta' Pagamenti Nru.75/07 u 76/07. Dawn l-iSkedi ġew approvati b'mod unanimu u ġew iffirmati mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

**90.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**i.** Il-Kunsilliera Doris Vella qalet li kellha attivita' ġewwa Rainbows FC fi Frar.

**90.9 Mozzjonijiet**

i. Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**90.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**i.** Il-laqgħa ntemmet fis-7.20PM.

Laqgħa oħra ser tinżamm nhar l-Erbgħa 20 ta' Frar 2019 fil-5.30pm.

______________________

**Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ**
**Sindku**

_________________________

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**